MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2002

Numru 761/2001

**Illum 17 ta' Mejju 2002**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Magri)**

**vs**

**Hadad Masoud**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imputat Hadad Masoud ta' 26 sena bin Muftah u Anousa imwieled Benghazi Libya u residenti 122, Triq Qormi, Hamrun, detentur ta' karta ta' identita numru 22168(A), akkuzat talli:

1. f'dawn il-gzejjer fid-9 ta' Mejju 2000 u fl-20 ta' Awissu 2001 u fix-xhur ta' wara dawn id-dati, bil-hsieb li jgharraq,

ghamel xi dikjarazzjoni falza, ta xi taghrif falz jew ipproduca xi dokument falz ghal xi wiehed mill-ghanijiet tal-Att dwar il-Karti ta' l-Identita, meta kien jaf li dan huwa falz, bi ksur tal-Artikoli 5(2), 11, 14(1)(2)(a)(b) tal-Kap 258 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, iffalsifika karti ta' identita' jew xi dokumenti ohra, jkunu li jkunu, mehtieg minn, jew mahsuba ghal, xi wiehed mill-ghanijiet tal-Att dwar il-Karti tal-Identita'; bi ksur tal-Artikolu 14(2)(c) tal-Kap 258 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, ffalsifika cedula, polza, ordni, jew dokumenti veri ohra u cioe' applikazzjonijiet ghal zewg karti tal-identita bin-numru 22168(A) u 23577(A) mahruga f'ismu u f'isem Jasmina Elshebly rispettivament, illi meta jigu presentati wiehed jista' jircevi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan min ufficju pubbliku, jew minn bank, jew stabbiliment pubbliku iehor, imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern; bi ksur ta' l-Artikolu 167(1)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz; bi ksur tal-Artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f'atti awtentici u pubblici, liema atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; bi ksur ta' l-Artikolu 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. fl-istress data, hin, lok u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu, jew xjentement ghamel xi uzu, jkun li jkun, minn karta ta' l-identita falza; bi ksur tal-Artikolu 12(1) tal-Kap 258, 184 u 186 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex il-kawza tinstemgha sommarjament mhux opposta mill-imputat;

Semghet l-imputat fl-udjenza tal-10 ta’ Jannar 2002 jammetti l-akkuzi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Mid-dokumenti esebiti, senjatament l-istqarrija tal-imputat, jirrizulta li r-reat gie maghmul meta l-imputat ta taghrif falz fiwaqt li mar jaghmel kemm il-karta ta’ l-identita tieghu u kemm dik tal-mara tieghu. Dan it-taghrif falz kien jikkonsisti fl-indirizz. L-imputat dan ammettieh mhux biss fl-istqarrija izda wkoll quddiem il-qorti filwaqt li mill-bidunett irregistra l-ammissjoni. Tali ammissjoni saret kemm volontarjament u kemm inkondizjonatament.

Il-Kap 258 li huwa l-Att li jirregola l-Karta ta’ l-Identita fl-Artikolu 14 jikkontempla piena karcerarja ta’ bejn sentejn u hames snin. Il-fatti u c-cirkustanzi tal-kaz partikolari pero ma jimmeritawx piena li tkun wahda ta’ prigunerija.

Ghalhekk u wara li kkunsidrat li r-reati dedotti kontra l-imputat gew minnu kommessi “unico contextu”, wara li rat l-Artikolu 14(2)(b) tal-Kap 258 u accertat li tista tapplika kontra l-istes imputat l-provvedimenti tal-Kap 152, qeghdha tenut kont il-fattispecje partikolari tal-kaz, tapplika kontra l-istess l-Artikolu 9 tac-citat Kap 152 billi tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor zmien tlett snin millum.

-------------------------------TMIEM-------------------------------